

# *Il-Kor ta' San Ġiljan*

kitba ta' Vincent Vassallo

Fis-sena 1953, Dun Guido Calleja beda grupp żgħir ta' irġiel u Dun Karm Calleja beda grupp ta' tfal subien, biex jieħdu sehem fil-funzjonijiet reliġjużi liturġiċi fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan. Fis-sena 1956, Dun Guido, li issa kien laħaq Kappillan ta' San Ġiljan, għaqqad grupp ta' nisa u tfajliet mal-grupp oriġinali biex ifforma kor komplet b'erba' vuċijiet.



ST. JULIAN'S CHOIR

Fis-27 ta' Diċembru 1957 is-ST. JULIAN'S CHOIR kellu t-twelid uffiċjali tiegħu b'kunċert ta' kant polifoniku, fil-kulleġġ tas-Sacred Heart, f'San Ġiljan, fil-preżenza ta' l-Eċċ. Rev. Mons. Isqof Emmanuel Galea.

Minn dak in-nhar 'il quddiem is-St. Julians' Choir baqa' jmexxi l-funzjonijiet liturġiċi kbar fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan. Kanta b'distinzjoni wkoll f'diversi knejjes u kattidrali u swali, kemm f'Malta, Għawdex u barra minn Malta, fl-Italja, Ġermanja u Awstrija.

F'April tas-sena 1966 laħaq Direttur tal-kor Dun Ġwann Galea u baqa jmexxi s-St. Julian's Choir sa' l-2002. Il-kor ħa sehem f'kunċerti, programmi fuq r-radju u televiżjoni, f'kampanji filantropiċi u edukattivi, serati u okkażjonijiet importanti. Tella ħafna Oratorji, fosthom, għal sbatax-il darba 'Pawlu ta' Malta' li l-ewwel serata ħarġet fuq diska. Wara ħareġ audio tape u CD ukoll. Ħareġ CD oħra u ħadem mill-qrib mal-Ministeri tal-Kultura, mal-każini u bosta għaqdiet lokali u mal-Kunsilli Lokali li hawn f'San Ġiljan.



ST. JULIAN'S CHORAL GROUP

Barra mid-Direttur, Dun Ġwann Galea, irridu nsemmu lill-organista Dr. Hugo Agius Muscat, li għen ħafna fis-suċċessi li kellu l-kor. Ħadmu wkoll in-numru kbir ta' membri tal-kumitati, li kellu l-kor matul iż-żmien. Ma ninsewx li l-kor kellu ħafna u ħafna membri, li minn żmien għal żmien attendew b'impenn, b'sagrifiċċju u dedikazzjoni matul is-snin.

Minn April 2003 'l hawn, il-kor prinċipali ta' San Ġiljan ħa l-isem ta' ST. JULIANS' CHORAL GROUP, u twaqqaf taħt it-tmexxija ta' Mro Joseph Gatt, l-organista Chev. Patrick Falzon Gough, u bord tat-tmexxija



taħt id-direzzjoni ta' Ronnie Galea. Il-bidu uffiċjali tal-kor kien il-Ħamis, 17 t'April 2003, Ħamis ix-Xirka, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan. Kompla l-festi u baqa jmexxi l-funzjonijiet liturġiċi tal-Parroċċa sas-sena 2007, din id-darba taħt id-direzzjoni ta' Pio Dalli.
IS-ST. JULIAN'S CHORAL GROUP ta s-sehem tiegħu f'kunċerti, serati u konkorsi fi knejjes, swali u tejatri. F'diversi knejjes kanta f'tiġijiet u funerali u festi. Żamm kunċerti mal-każini, għaqdiet u l-Kunsill Lokali. Kien u għadu jagħti l-impenn tiegħu f'okkażjonijiet diversi dejjem taħt id-direzzjoni ta' Pio Dalli.

Bħal kor ta' qablu, is-St. Julian Choral Group, dejjem ħa ħsieb l-attivitajiet soċjali għall-membri. Dawn iżommu l-għaqda, iferrħu u jirringrazzjaw lil grupp ta' nies iddedikati u mpenjati, li jużaw it-talenti tagħhom biex iferrħu u jgħinu lil ħaddieħor, u biex, waqt il-liturġija il-poplu jippartecipa aktar.

Konnessjoni mportanti tas-St. Julian Choral Group huwa l-impenn annwali, għal żmien il-festi tal-Milied, li l-Kor ikollu fil-Każin Banda San Ġiljan. Dan beda fis-sena 2004, u huwa kunċert għall-membri u mistednin distinti.

Il-Kor ta' San Ġiljan fiż-żewġ fażi mportanti tiegħu, baqa' jagħti s-sehem tiegħu biex din il-lokalità tissebbaħ u tippreżenta fażi kulturali kemm għal-lokal u kemm għal Malta. Grazzi lil Dun Guido Calleja, Dun Karm Calleja, Dun Ġwann Galea, Mro. Joseph Gatt, Pio Dalli, Dr. Hugo Agius Muscat, Chev. Patrick Falzon Gough u oħrajn bħal Mro. Joseph Sammut u Joseph Gauci u Joseph Caruana. Grazzi speċjali lill-Kappillani Rev. Tony Agius, Rev. Martin Cardona u Rev. Ray Toledo li dejjem taw l-appoġġ u l-għajnuna kbira tagħhom lill-Kor. Lill-membri kollha li qatt kienu jiffurmaw il-kor ta' San Ġiljan, kemm ħajjin u kemm mejtin, grazzi kbira li tagħtu s-sehem tagħhom biex din il-parti importanti mill-istorja ta' San Ġiljan setgħet isseħħ u tibqa' mfakkra bħala waħda mill-isbaħ.

Grazzi ST. JULIAN'S CHOIR - Grazzi ST. JULIAN'S CHORAL GROUP.

For the Best
Italian Espresso
and Cappuccino

café Olé

63, Main Street, St. Julians - Malta
Tel: 2136 4528 - Mobile: 9980 2409
Fax: 2133 8026
E-mail: nik_poland@msn.com

DENISE
UNISEX HAIR SALON
3A LAPSI STREET, ST. JULIAN'S (Faċċata l-Uffiċċju tal-Kappillan)
TELEPHONE: 2137 3060
*IL-FESTA T-TAJBA*